**29 ta' Marzu, 1996**

**Imħallef:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino, B.A.(Hons.), LL.D. - President**

Michael A. Fenech

*versus*

Dr. Henry *sive* Eric Mamo għan-nom u in rappreżentanza tal-Mid Med Bank Limited

**Danni - Mandat - Esekuzzjoni ta'**

*Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet talba għal danni konsegwenti għal esekuzzjoni ta' mandat ta' deskrizzjoni.*

Il-Qorti:-

L-attur qed jappella minn din is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

"Il-Qorti:-

Rat l-avviż ippreżentat mill-attur ta' l-10 ta' Ġunju, 1992 fejn talab il-Qorti tikkundanna lill-konvenut *nomine* jersaq għal-likwidazzjoni tad-danni mill-konvenut ikkaġunati stante li ġie esegwit mandat ta' deskrizzjoni numru 1288/92GB fl-ismijiet **Dottor Henry *sive* Eric Mamo *nomine vs* Michael Fenech *noe*** permezz tal-proċedura ta' l-isgass , liema mandat ġie esegwit fid-dar residenza ta' l-attur personali minflok li ġie esegwit fl-uffiċċju reġistrat tas-soċjeta` debitriċi skond l-istess mandat, u

ċjoe` Mediterranean Oils Limited;

Il-konvenut ġie nġunt in subizzjoni. Ai fini tal-kompetenza id-danni ma jeċċedux il-Lm200. Bl-ispejjeż u bl-imgħax;

Rat il-kontestazzjoni tal-konvenut fis-seduta tal-21 ta' Lulju, 1992 fejn eċċepixxa illi huwa aġixxa in *buona fede*;

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament;

Rat id-dokumenti esebiti l-atti kollha tal-każ;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut tat-2 ta' April, 1993 fejn eċċepixxa n-nuqqas ta' interess ġuridiku ta' l-attur Michael A. Fenech stante illi mill-istess provi prodotti mill-attur jirriżulta illi l-proprjeta` illi fiha l-attur jgħid illi ġarrab danni mhix proprjeta` tiegħu iżda tas-soċjeta` Feneco Ltd.;

Għalhekk it-talbiet attriċi kienu infondati fil-fatt u fid-dritt u kellhom jiġu miċħuda;

Rat in-nota ta' l-attur tal-5 ta' Mejju, 1993;

Rat in-nota tas-sottomissjonijiet ta' l-attur tal-5 ta' Diċembru, 1994;

Ikkunsidrat:

*Mix-xhieda prodotta mill-attur li qiegħed jaġixxi* personalment jirriżulta (ara xhieda a fol. 12 *et seq*) illi l-post fejn ġie esegwit il-mandat meritu ta' l-avviż kien fir-residenza

privata ta' l-attur. Dan isostni illi l-proprjeta` ma kinitx tiegħu personalment iżda fuq waħda mill-kumpanniji tiegħu li ma kinitx il-kumpannija in kwistjoni;

Jirriżulta minn Dok. MFI illi l-proprjeta` qiegħda reġistrata bħala proprjeta` ta' Feneco Ltd.;

Meta reġa' xehed l-attur, esebixxa xi dokumenti imma ma semmiex illi kien qed jokkupa r-residenza bħala inkwilin tal-Feneco Ltd. sa wara li ġiet ippreżentata n-nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri ta' l-attur;

Inoltre u mingħajr ma' wieħed jidħol wisq fil-fond fuq l-eżistenza o meno ta' Dok. A u B (ara fol. 35 u 36) fil-perijodu ta' żmien meta ġiet intavolata din il-kawża, il-Qorti ma tarax illi l-attur ipprova il-każ tiegħu skond il-liġi, il-għaliex id-danni allegatament *subiti* skond Dok. MF2, ma ġewx ikkonfermati minn min allegatament għamel it-tiswija. Apparti dana kollu Dok. MF2 huwa biss <u>stima</u> u ġġib id-data tad-9 ta' Frar, 1993 meta l-kawża ġiet intavolata fl-10 ta' Ġunju, 1992;

Illi għalhekk din il-Qorti tiċħad it-talbiet attriċi;

Bl-ispejjeż";

L-appell hu bbażat fuq din l-Ewwel Qorti "għamlet apprezzament ħażin kemm tal-fatti kif ukoll tal-provi". L-appellant isostni illi l-Qorti kellha tiddeċidi l-kawża fuq l-eċċezzjonijiet u fuq it-talbiet u li allura l-Qorti ddeċidiet *extra petita* meta irriġettat it-talbiet fuq il-fatt li skond l-Ewwel Qorti, l-attur ma ssostanzjax id-dannu minnu reklamat billi l-istima prodotta ma kinitx ikkonfermata bil-ġurament minn min għamilha. Dan meta l-konvenut *nomine* ma oġġezzjonax għal din l-istima;

Dan hu appell insostenibbli. U mhux biss għax hu bbażat fuq aggravju li jikkontesta l-apprezzament ta' l-Ewwel Qorti tal-fatti pprovati in kwantu din il-Qorti ta' reviżjoni bħala regola ma tiddisturbax tali apprezzament jekk mhux għal raġunijiet gravi meta tkun ser tiġi sanzjonata inġustizzja manifesta;

Imma anke għaliex hu prinċipju ovvju illi hu l-attur li jrid qabel xejn jipprova l-pretensjoni tiegħu b'mod konvinċenti u sodisfaċenti. Il-prova *incubit ei qui dicit non ei qui negat.* Il-fatt li l-kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati hi ta' natura sommarja bl-ebda mod ma jiġġustifika li dawn il-proċeduri jsiru b'mod leġġer jew alla buona jew li tista' tiġi deċiża fuq provi li ma jirriżultawx mill-atti. Il-kontendenti allura għandhom jittrattaw dawn il-kawżi b'solertia u attenzjoni għax finalment il-ġudizzju jingħata *iuxta allegata et probata*;

F'dan ir-rigward l-attur jonqos b'mod determinanti li jagħmel il-provi essenzjali għall-premessi tat-talba tiegħu. Jonqos:

Li jipproduċi kopja uffiċjali tal-mandat li minnu kien jirriżulta almenu kontra liema soċjeta` l-bank konvenut aġixxa, b'liema titolu kien għamel hekk u f'liema vesti hu kien iċċita l-attur biex jirrappreżenta lis-soċjeta`;

Li mill-istess mandat kienet tirriżulta bħala fatt l-esekuzzjoni tiegħu; mhux biss f'dak li hu indirizz tal-post fejn kellu jiġi esegwit u jekk dak l-indirizz kienx indikat bħala li hu *r-registered office* tas-soċjeta` debitriċi, imma ukoll kif ġie esegwit;

Li jagħmel il-prova ta' x'inhuma d-danni reklamati. Imkien fl-atti - lanqas fix-xhieda ta' l-istess attur - ma jirriżulta

ta' x'hiex kien qed jippretendi l-ħlas, jekk kinux danni *kkaġunati fil-fond fejn ġie esegwit jew fl-oġġetti* li kien jikkontjeni. Il-Qorti tara ferm diffiċli li tifhem kif l-attur jista' jirreklama danni ta' Lm200 (mitejn lira Maltija) fi proċeduri ta' sgass mill-Marixxall tagħha. Imma anke hawn l-attur kien fid-dover jipprova ċ-ċirkostanzi kif sar l-isgass, jekk kienx hemm opposizzjoni tiegħu jew tal-konsulent legali tiegħu għal tali sgass in kwantu jidher li dawn kienu apparentement preżenti waqt li kien qed isir. U jekk huma t-tnejn jew wieħed minnhom kien preżenti, l-attur kellu jipprova kif u għaliex ma offriex li l-fond jinfetaħ biex il-Marixxall ikun jista' jaċċedi fih biex jesegwixxi l-ordni tal-Qorti. U jekk seta' jinfetaħ u ma nfetaħx bir-riżultat li l-Marixxal tal-Qorti kien kostrett, kif ordnat, jisgassa, l-attur kien jeħtieġlu jipprova għaliex hu b'liema dritt oppona għall-awtorita` tal-Qorti;

Il-fatt li l-attur ma elenkax id-danni reklamati jpoġġi lill-Qorti fl-impossibilita` anke biex tapprezza l-attendibilita` ta' l-istima ppreżentata. Dan apparti n-nuqqas ta' prova ġuramentata li dawn id-danni kellhom verament il-valur li kien qed jiġi rreklamat u dettalji preċiżi dwarhom;

Li jipprova b'mod konvinċenti min verament kien il-proprjetarju tal-fond li ġie sgassat. Jiġi nnotat illi l-attur in kontro-eżami rrisponda "fuq domanda ta' min hija l-proprjeta` tal-fond *de quo*, jiena <u>nippromettì</u> li f'seduta oħra nirrispondi din id-domanda u nġib provi dokumentali". Mill-istess xhieda jirriżulta illi l-post fejn ġie esegwit il-mandat 1288/<u>92</u> (tiġi nnotata s-sena) kien f'dak il-mument ir-residenza privata ta' l-attur jew almenu hekk jallega. Pero` sa l-4 ta' Frar, <u>1992</u>, dan il-fond kien għadu r-*registered office* tas-soċjeta` debitriċi. Hemm ukoll prova fil-proċess li meta sar l-isgass, fil-fond ma *kien hemm xejn x'jindika illi dan kien qed jiġi użat bħala* residenza privata. Kien hemm għall-kuntrarju x'jindika li kien qed jiġi użat bħala uffiċini jew almenu li dan kien l-aħħar użu li

kien sar fih. Il-Qorti allura mhi xejn konvinta li l-kiri tal-fond fuq l-attur personalment kien biss wieħed formali u mhux reali intiż biex jipproteġi s-soċjeta` minnu stess rappreżentata bil-konsegwenza illi jiġu ppreġudikati l-interessi tal-kredituri. Anke f'dan ir-rigward kienet essenzjali l-produzzjoni tar-riferta tal-Marixxal dwar l-esekuzzjoni tal-mandat in kwantu din kienet tipprova definittivament għal x'hiex kien qed jiġi użat il-fond fil-mument ta' l-isgass u jekk kienx tabilħaqq ir-residenza privata ta' l-istess attur. Prova li kienet ċertament, fiċ-ċirkostanzi tfalli;

Il-Qorti hi għalhekk sodisfatta illi s-sentenza appellata hi sostanzjalment korretta u li l-apprezzament tal-provi miġbura magħmula mill-Ewwel Qorti kien altru milli ġust. Mhux il-każ li tikkunsidra oltre aspetti marġinali ta' l-appell li bl-ebda mod ma jistgħu jinfluwenzaw l-eżitu;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant.

---